**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Angelo Zahra**

Numru 427/2001

Illum 25 ta' Gunju 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba fil-konfront tal-imputat **Angelo Zahra**, ta' wiehed u hamsin (51) sena, iben Joseph u Grazia neé Zammit, imwieled Mqabba fid-29 ta' Awwissu 1949, joqghod Shekinah, Bidnija Road, Bidnija, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 751849(M),

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Lulju 2001, u fl-ahhar xhur qabel din id-data:

[1] Vol. 1: *a fol.* 147.

1. assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (kokajina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), jew li jippromwovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assocjazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat illi l-atti processwali kellhom jigu rikostruwiti wara li kienu gew severament danneggjati in segwitu ghal hruq li kien hakem l-Awla fejn kienu qed jinzammu.[2]

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (kopja) (Vol. 4: *a fol.* 725) datat 20 ta' Lulju 2001 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-vera kopja fotostatika tal-Process Verbal bin-Numru 1167/2001 (Vol. 1: *a fol.* 45 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima liema Process Verbal jikkontjeni Stqarrija Guramentata ta' Jason Briffa.

Rat il-vera kopja fotostatika tal-Process Verbal bin-Numru 1169/2001 (Vol. 1: *a fol.* 105 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima liema Process Verbal jikkontjeni Stqarrija Guramentata ta' Joseph Grech.

[2] Skond Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentata fit-23 ta' Settembru 2005 (Vol. 1: *a fol.* 15) il-process kollu tal-proceduri odjerni kien gie distrutt bil-hruq li kien sehh gewwa l-Qorti fit-12 ta' Lulju 2004.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (Vol. 5: *a fol.* 954 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2015 (Vol. 5: *a fol.* 1040), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, permezz ta' Digriet moghti fil-5 ta' Marzu 2019 (Vol. 7: *a fol.* 1327 *et seq.*), il-Qorti laqghet it-talba tad-difiza sabiex issir riferenza kostituzzjonali lill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) u dana ghar-ragunijiet indikati meta saret it-talba u cioé waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2019 (Vol. 7: *a fol.* 1317 *et seq.*).

Rat is-sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju 2019 mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) (Vol. 7: *a fol.* 1334 *et seq.*) in segwitu tar-riferenza kostituzzjonali msemmija fil-paragrafu precedenti, liema sentenza baqghet ma gietx appellata (Vol. 7: *a fol.* 1344).

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (Vol. 7: *a fol.* 1346) datat 30 ta' Ottubru 2019 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 31 ta' l-Ordinanza Dwar Il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), ordna li l-imputat Angelo Zahra jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-5 ta' Novembru 2019 (Vol. 7: *a fol.* 1347), il-Qorti hadet konjizzjoni tal-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali tat-30 ta' Ottubru 2019 (Vol. 7: *a fol.* 1346).

Semghet, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2019 (Vol. 7: *a fol.* 1347), lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2020 (Vol. 7: *a fol.* 1360), lid-difiza tinforma lill-Qorti li ma kellhiex kontro-ezamijiet x'taghmel tax-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, f'liema seduta l-imputat iddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti (Dok. "RB 1" - *Envelope Loose* Numru 4) ezebiti mid-difiza fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2020 (Vol. 7: *a fol.* 1425).

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2020 (Vol. 7: *a fol.* 1425), lid-difiza tinforma lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u b'hekk ghalqet il-provi taghha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fil-5 ta' Mejju 2020 (Vol. 7: *a fol.* 1431).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fil-5 ta' Mejju 2020 (Vol. 7: *a fol.* 1432 *et seq*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2006, xehed is-**Supretendent già Spettur Neil Harrison** (Vol. 1: *a fol.* 181 *et seq.*) fejn qal li lejn l-ahhar ta' Gunju 2001 kien gie mitlub mill-iSpettur Ciappara sabiex jassistih f'investigazzjoni li kien qieghed jaghmel fejn diversi persuni kienu suspettati li kienu qed jippjanaw li jdahhlu madwar tliet kilogrammi kokajina f'Malta. Jghid li dawn il-persuni kienu Joseph Grech, Jason Briffa, Publius Micallef, Sandro Psaila, Saviour Azzopardi u Raymond Bonello. Jispjega kif il-persuni msemmija kienu qed jippjanaw li jsir tragitt bi *speed boat* minn Malta lejn Sqallija, fejn jitwasslu l-flus f'dik id-direzzjoni u lura tingieb id-droga li semma'. Jghid li kien suspettat li kellu jinqatel Raymond Bonello u jispjega li kienu qed isiru intercettazzjonijiet ta' telefonati tal-persuni suspettati u jghid x'gie stabbilit. Jixhed li hu kellu struzzjoni li jmur ma' persuni ohra go Ghajn Tuffieha sabiex

jintervjenu skond il-kaz tant li ftit wara l-ghaxra mar ma' xi Pulizija ohra fl-inhawi precizament f'*parking area* li hemm quddiem ir-*restaurant* Apple's Eye. Jghid li gie nnutat vann Seat Terra pparkjat li kien maghruf maghhom u jispecifika li dan kien vann tax-xoghol li kien jintuza minn Jason Briffa. Jghid li fir-*restaurant* ma tantx kien hemm nies pero' jispjega li fuq mejda gie osservat li kien hemm Jason Briffa flimkien mal-imputat Angelo Zahra. Jghid li flimkien ma' Pulizija ohra marru jarrestaw lil dawn il-persuni fejn saret tfittxija fuq il-persuna taghhom, fejn jispjega li fuq l-imputat instabu zewg cwievet li wahda minnhom kienet taqbel mal-vann li kien ipparkjat u li kien qieghed faccata taghhom ezatt, madwar erba'/hames metri 'l boghod minnhom. Jghid li minn tfittxija li saret fil-vann imsemmi, fuq is-*seat* tan-naha tal-passiggier kien hemm borza tal-plastik fejn kien hemm diversi flus kontanti Maltin u cekk. Jghid li dawn gew elevati u li meta aktar tard gew maghduda fid-Depot irrizulta li kien hemm Lm31,640 fi flus kontanti u cekk tal-Mid-Med Bank fl-ammont ta' Lm307.18 li kien indirizzat lil Stephanie Briffa, li jghid hija mart Jason Briffa. Kompla jispjega li qabel ma' marru d-Depot hekk kif kienu qed jaghmlu l-indagni fl-inhawi ta' Apple's Eye Restaurant, hin minnhom fil-boghod fl-inhawi tal-lukanda l-antika seta' jara lil Raymond Bonello, wiehed mill-persuni suspettati, u l-vettura tieghu pparkjata 'l boghod li f'hin minnhom rawha ssuq b'certu *speed* il-barra minn Ghajn Tuffieha sejra fid-direzzjoni tal-Mgarr u li wara madwar erba' mitt metru mir-*restaurant* Apple's Eye, l-iSpettur Ciappara u hu rnexxielhom iwaqqfuha b'vettura tal-*mobile*. Jghid li minn tfittxija li saret fil-vettura msemmija ta' Raymond Bonello, nstabu, fost l-ohrajn, *mobile phone*, basket tal-plastik b'xi affarijiet fih u kif ukoll *picnic cooler* gdid. Jghid li Bonello, Briffa u Zahra gew mehuda d-Depot. Ikkonferma li Jason Briffa u Joseph Grech irrilaxxaw stqarrija guramentata u gie muri l-Processi Verbali in kwistjoni (Vol. 1: *a fol.* 45 *et seq.* u Vol. 1: *a fol.* 105 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2006, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-**Assistent Kummissarju già Spettur Norbert Ciappara** (Vol. 1: *a fol.* 186 *et seq.*) fejn spjega li fil-bidu ta' Gunju 2001 beda jaghmel investigazzjoni fil-konfront ta' Joseph Grech li jghid kien indikat lill-Pulizija li kien qed jipprepara sabiex jimporta ammont

ta' kokajina gewwa Malta. Jghid li minn investigazzjoni li kienu qed jaghmlu huma u s-Servizzi tas-Sigurta' kien qieghed jirrizulta li nvoluti f'din l-operazzjoni biex tiddahhal il-kokajina f'Malta kien hemm Joseph Grech, Jason Manuel Briffa, Raymond Bonello, Sandro Psaila, Saviour Azzopardi u certu Publius Micallef. Jghid li rrizulta li kien hemm zewg gruppi ta' nies involuti: wahda li kienet tifforma minn Sandro Psaila, Saviour Azzopardi u Raymond Bonello u l-ohra li kienet tifforma minn Joseph Grech, Jason Manuel Briffa, Publius Micallef u l-imputat Angelo Zahra. Jghid li kienu qed isiru t-trattativi sabiex isiru l-arrangamenti biex tiddahhal il-kokajina f'Malta u li Publius Micallef u Raymond Bonello kienu qeghdin jagixxu bhala medjaturi bejn iz-zewg gruppi. Jispjega li fis-16 ta' Lulju 2001 kien qieghed jirrizulta li t-trattativi kienu ser jigu finalizzati u li dakinhar fil-ghaxija kienu ser jiltaqghu fil-bajja ta' Ghajn Tuffieha biex isir tragitt b'dghajsa lejn l-Italja jew fil-vicinanzi tal-Italja u tingieb id-droga. Jghid li minn dak li kien qed jigi nvestigat beda jidher li seta' jirrizulta li l-hajja ta' Raymond Bonello setghet kienet fil-periklu ghax seta' kien hemm indikazzjonijiet minn naha ta' Psaila li jelimina lil Raymond Bonello sabiex wara ikun jista' jiehu kollox hu (il-flus u d-droga). Jixhed li fid-data msemmija hu u l-iSpettur Harrison marru fil-bajja ta' Ghajn Tuffieha u fuq in-naha ta' fuq fejn il-venda raw vann li kien juza Jason Manuel Briffa, fejn sussegwentement gew arrestati Jason Manuel Briffa u l-imputat Zahra. Jghid li mill-vann ta' Briffa gew elevati wkoll is-somma ta' Lm35,000. Jixhed li, fit-18 ta' Lulju 2001, l-Assistent Kummissarju Michael Cassar intervista lill-imputat rigward din l-investigazzjoni fil-prezenza tieghu (tal-iSpettur Ciappara). Ezebixxa l-istqarrija rilaxxata mill-imputat li giet immarkata bhala Dok. "A" (Vol. 1: *a fol.* 191 *et seq.*). Ikkonferma li Joseph Grech irrilaxxa stqarrija guramentata u gie muri l-Process Verbal in kwistjoni (Vol. 1: *a fol.* 105 *et seq.*). Ezebixxa bhala Dok. "B" (Vol. 1: *a fol.* 192) certifikat datat 18 ta' Frar 2003 mahrug mill-Ufficju tal-Armi tal-Pulizija fl-isem ta' Angelo Zahra, liema certifikat juri li dak iz-zmien l-imsemmi Zahra kien licenzjat biex izomm zewg *shot guns*. Ezebixxa wkoll dokument li gie mmarkat bhala Dok. "C" (Vol. 1: *a fol.* 193) li jghid hija lista' ta' oggetti li kienu gew ezebiti f'dawn il-proceduri quddiem il-Magistrat Dr. Carol Peralta meta l-kumpilazzjoni kienet qed tinstema' quddiemu.

L-Ufficjal Prosekutur l-**Assistent Kummissarju Norbert Ciappara** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2014 (Vol. 4: *a fol.* 729) fejn bhala Dok. "AC" (Vol. 4: *a fol.* 730) ezebixxa estratt mill-att ta' twelid ta' Angelo Zahra u bhala Dok. "AC 1" (Vol. 4: *a fol.* 731) ezebixxa estratt mill-att tal-mewt ta' Joseph Grech.

L-Ufficjal Prosekutur l-**Assistent Kummissarju Norbert Ciappara** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2014 (Vol. 5: *a fol.* 835) fejn filwaqt li ghamel riferenza ghad-depozizzjoni li giet moghtija minn Herbert Agius dakinhar tat-22 ta' Ottubru 2014 ikkjarifika li minkejja li fid-depozizzjoni tieghu Herbert Agius gie f'dubju jekk kienx hemm traskrizzjonijiet tal-konverzazzjonijiet ta' Angelo Zahra, qal li fil-fatt il-konverzazzjonijiet ta' Angelo Zahra kienu ma' Jason Manuel Briffa li jirrizultaw mit-traskrizzjonijiet ta' Jason Manuel Briffa.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2006, xehed l-**Assistent Kummissarju Michael Cassar** (Vol. 1: *a fol.* 204 *et seq.*) fejn spjega li ghall-habta ta' Lulju 2001 l-iSpettur Norbert Ciappara kien qallu li kellu informazzjoni li certu Joseph Grech kien involut f'importazzjoni ta' droga ghal Malta u li l-imsemmi Grech kien qed jaghmel kuntatti ma' Publius Micallef. Jghid li l-iSpettur Ciappara qallu wkoll li dawn kien qeghdin jinnegozaw ma' Raymond Bonello, Sandro Psaila u Saviour Azzopardi. Spjega fiex kien jikkonsisti d-*deal* u spjega wkoll x'gara dakinhar tas-16 ta' Lulju 2001 fejn semma' wkoll li kien hemm suspetti fondati hafna li f'dik l-operazzjoni kellu jinqatel Raymond Bonello. Jghid li gew arrestati Jason Briffa, l-imputat u kif ukoll Raymond Bonello li jghid kien fil-vicinanzi. Jispjega li minn go basket li kien gol-vann tax-xoghol ta' Jason Briffa nstabet is-somma ta' Lm32.000. Jixhed li hu ha l-istqarrija rilaxxata mill-imputat u jghid x'qal fiha. Jixhed ukoll li fost in-nies li gew mitkellma kien hemm ukoll Publius Micallef mill-Floriana, maghruf bhala Pawi u jghid x'inghad minn Publius Micallef. Ikkonferma li l-istqarrija rilaxxata mill-imputat hija dik immarkat bhala Dok. "A" (Vol. 1: *a fol.* 191 *et seq.*) u jixhed rigward l-firem fuq din l-istqarrija.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2007, xehdet **Il-Maggur Marisa Bartolo** (Vol. 2: *a fol.* 237 *et seq.*) fejn qalet li kienet involuta fit-tfittxijiet li saru fir-residenza tal-imputat fil-Bidnija. Tghid li gew elevati xi dokumenti, *mobile*, skratacc u, jekk m'hijiex sejra zbaljata, kien hemm xi flus foloz, jew flus li gie suspettat xi haga fihom. Tispjega li l-affarijiet li gew elevati mir-residenza tal-imputat gew mghoddija lill-iSpettur Ciappara ghall-aktar investigazzjoni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2007, xehed **PC 1183 Oliver Borg** (Vol. 2: *a fol.* 245 *et seq.*) fejn spjega li fis-16 ta' Lulju 2001 kien xoghol flimkien mal-iSpettur Norbert Ciappara u fejn qal li kienu stazzjonati Golden Bay. Jghid f'xi hin fil-ghaxija, hu flimkien ma' l-iSpettur Neil Harrison u PS 536 bl-isem ta' Jason marru jaghmlu tfittxija go vann Seat Terra fil-prezenza ta' Jason Briffa. Jghid li fuq il-*floor board* tan-naha tal-passiggier kien hemm basket tal-karti li fih kien hemm ammont sostanzjali ta' flus. Jghid li wara hu mar jaghmel tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn instabu xi *bullets* u xi dokumenti u fuq il-persuna tieghu nstabet Lm10.00 li jghid kienet tidher li hija *counterfeit*. Jispjega li minn tfittxija li saret fil-vettura Honda Civic tieghu nstabu xi karti li gew mghoddija lill-iSpettur Norbert Ciappara ghall-investigazzjoni. Jghid li fuqu l-imputat kellu *mobile phone* tal-ghamla Nokia li ukoll gie mghoddi lill-iSpettur Ciappara.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju Gunju 2007, xehed ukoll **PS 114 Massimo Persiano** (Vol. 2: *a fol.* 247 *et seq.*) fejn qal li fis-16 ta' Lulju 2001 kien involut fi tfittxija fir-residenza tal-imputat li tinsab fil-Bidnija. Jghid li waqt din it-tfittxija gew elevati *pepper spray*, xi munizzjon, kif ukoll karta ta' Lm10.00 suspettata li kienet falza. Jghid li dawn l-affarijiet gew mehuda fl-ufficju tal-iSpettur Norbert Ciappara ghal iktar stharrig.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2008, xehed **Joseph Mallia** (Vol. 2: *a fol.* 272 *et seq.*) fejn ezebixxa kopja tar-relazzjoni tieghu, *stante* li l-process tal-proceduri odjerni kien inharaq, liema kopja tar-relazzjoni tieghu giet immarkata bhala Dok. "D" (*Envelope Loose* Numru 1). Mitlub jispjega fiex kien jikkonsisti l-inkarigu li kien gie moghti jirreferi ghall-basket li fih kien hemm ammont konsiderevoli

ta' flus f'pakketti u li hu kien inkarigat biex idur dan il-basket flimkien mal-flus ghall-impronti digitali.

**Joseph Mallia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2014 (Vol. 4: *a fol.* 733) fejn qal li kien qed jezebixxi vera kopja tar-rapport li kien gie ezebiet minnu fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Manuel Briffa et**, liema vera kopja tar-rapport giet immarkata bhala Dok. "JM"[3] (mal-qoxra ta' wara ta' Vol. 4).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2014, xehed **Saviour Azzopardi**[4] (Vol. 4: *a fol.* 685 u 687 *et seq.*) minkejja li nghata t-twissija. Huwa ghazel li jixhed minkejja li gie mressaq il-Qorti u gie akkuzat b'cirku ta' konspirazzjoni fuq importazzjoni tad-droga kokajina. Meta gie mistoqsi jghid jekk jafx lill-imputat, wiegeb fin-negattiv u jghid li sar jafu wara li gie akkuzat u mressaq il-Qorti. Spjega li hu u Sandro Psaila kienu ftehmu li jivvintaw l-istorja li taparsi kienu ser igibu d-droga u jinghataw il-flus minn quddiem u jghid li Raymond Bonello kien qalilhom li kien jaf lil xi hadd li hu u Sandro Psaila ma kienux jafu min hu. Mistoqsi jghid lil min kellhom igibu din id-droga, wiegeb: *"Ahna lil Raymond Bonello konna kellimna. Jigifieri jiena lilu naf as such, fhimt"* (Vol. 4: *a fol.* 689). Mistoqsi jghid kif giethom f'mohhhom Psaila u hu biex jaghmlu din l-istorja, wiegeb li kienet bluha taz-zghozija. Jghid li dan ilu tlettax il-sena u li hu kellu wiehed u ghoxrin sena. Jghid li l-kuntatt li kellu hu (Saviour Azzopardi) kien biss ma' Raymond Bonello u Sandro Psaila. Jixhed li lill-ohrajn sar jafhom wara li gew imressqa l-Qorti. Mistoqsi jghid jekk id-droga ngabitx, wiegeb fin-negattiv. Jghid li hu u Sandro Psaila kienu kellmu lil Raymond Bonello li taparsi ser igibulu d-droga. Jghid li Bonello kien hadilhom erbatax-il elf lira Maltin (Lm14,000) pero' wara xi erbat'ijiem tawhomlu lura peress li Bonello qal li kellu bzonnhom biex ikun jista' jgib l-ammont kollu. Jghid li meta kienu waslu ghall-final, hu (Saviour Azzopardi) kien qallu li ma riedx ikollu x'jaqsam fiha aktar din il-bicca u wara l-kaz sar jaf li kien dahal xi hadd iehor floku (flok Saviour Azzopardi), certu John

[3] Dan huwa l-istess bhal Dok. "D" (*Envelope Loose* Numru 1) ezebit minn Joseph Mallia fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2008 (Vol. 2: *a fol.* 272 *et seq.*).

[4] Saviour Azzopardi gie mressaq ukoll bhala xhud biex jixhed fis-seduti tas-16 ta' Gunju 2009 (Vol. 2: *a fol.* 450) u tas-26 ta' Novembru 2010 (Vol. 3: *a fol.* 538) fejn huwa ghazel li ma jixhidx peress li kien hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali.

Bugeja, li miet. Mistoqsi jghid minn fejn Raymond Bonello gab l-Lm14,000 li ha nofshom hu u Sandro Psaila wiegeb li ma jafx. Jghid li m'ghandux idea lil min Raymond Bonello kien qed ibiegh din l-istorja. Jikkonferma li l-ammonti li kienu qed jippretendu hu u Psaila minn Bonello kien ta' Lm50,000 u jghid li lil Bonello ma kienu ser jaghtuh xejn. Jerga' jirrepeti li din *"kienet bluha taz-zghozija"* (Vol. 4: *a fol.* 693). Jghid li qalu li seta' jkollhom l-inkwiet u jixhed: *"Imbaghad l-affari bdiet tikber u f'illi nghidu nehilsu minnu u dan, u mbaghad x'hin rajt l-affarijiet gejjin hekk, ghidt ha ninqala' 'l barra"* (Vol. 4: *a fol.* 694). Jghid li d-droga qatt ma ezistiet. Mistoqsi mill-Qorti diversament preseduta ta' xiex kienu ser jiehdu Lm50,000, wiegeb: *"ahna konna vvintajnielu li bil-hamsin elf konna ngibulu tliet kilos (3kgs) kokajina"* (Vol. 4: *a fol.* 694). Jghid li huma kienu qalu lil Raymond Bonello li din id-droga kienet gejja (taparsi) mill-Italja peress li Sandro Psaila kien icempillu (lil Saviour Azzopardi) u hu (Saviour Azzopardi) kien ikellmu (lil Sandro Psaila) bit-taljan taparsi hu (Saviour Azzopardi) huwa t-taljan. Jghid li din l-istorja kollha hadet madwar xahrejn zmien biex saret. Jispjega li hu (Saviour Azzopardi) gie arrestat xi gimgha wara li kien cempel lil Sandro Psaila u qallu li kien ser jinqala' l-barra. Jixhed: *"li kieku ghandi x'nahbi kont naghzel li ma nixhidx"* (Vol. 4: *a fol.* 696). Jghid li hu u Sandro Psaila kienu tkellmu kif setghu jaqilghu xi haga ta' malajr u giethom din l-idea f'mohhom li jghidu lil Raymond Bonello.

In <u>kontro-ezami</u> (Vol. 4: *a fol.* 697 *et seq.*) jghid li hu kien jaf biss lil Sandro Psaila u lil Raymond Bonello u li wara li tressaq il-Qorti sar jaf b'ismijiet ohra, inkluz bl-imputat.

**Saviour Azzopardi** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2018 (Vol. 6: *a fol.* 1218 *et seq.*) fejn ikkonferma li l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu gew decizi b'mod definittiv. Mitlub jixhed fuq il-kaz li kien akkuzat bih fis-sena 2001 jghid li hu u Sandro Psaila kienu vvintaw storja lil Raymond Bonello biex igib il-flus. Mitlub jghid xi storja vvintaw, wiegeb: *"Konna ghidnilu li kellna kuntatt biex igiblu d-droga"* (Vol. 6: *a fol.* 1218). Jghid li meta Raymond Bonello gie avvicinat minnhom, Raymond Bonello kellu jgib madwar Lm30,000 b'liema hu (Raymond Bonello) kellu jgib tliet kilogrammi kokajina. Mitlub jghid jekk jafx jekk Raymond Bonello

kienx tkellem ma' xi nies ohra jew gabarx xi flus minn ghand xi haddiehor, wiegeb: *"Naf li qalli li kellu jigbor xi flus imma minn ghand min, jekk mhux persuna wahda, tnejn, tlieta, m'ghandhiex idea ghax ahna mieghu biss konna tkellimna"* (Vol. 6: *a fol.* 1219). Jghid li lill-imputat sar jafu wara l-kaz wara li gew imressqa l-Qorti. Mitlub jghid jekk qabel ma gew imressqa l-Qorti kienx iltaqa' xi darba mal-imputat, wiegeb: *"Le. Lanqas idea tieghu ma kelli"* (Vol. 6: *a fol.* 1219). Mistoqsi jghid x'gara wara li kien sar il-ftehim ma' Raymond Bonello, wiegeb li Bonello kien gabilhom Lm7,000 depozitu lilu u lil Sandro Psaila u kienu tawhomlu lura. Jghid li f'mument minnhom hu (Saviour Azzopardi) kien inqala' l-barra ghax ma riedx ikompli. Jghid li hemm traskrizzjonijiet ta' intercettazzjonijiet f'dan is-sens.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2011, xehdet **Dr. Elizabeth Quintano** (Vol. 3: *a fol.* 544 *et seq.*) bhala Assistent Registratur mal-Qrati Tribunali Kriminali fejn ezebiet bhala Dok. "D" (*Envelope Loose* Numru 1) kopja tat-traskrizzjonijiet li gew ezebiti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Manuel Briffa** li kienet qed tinstema' quddiem il-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona u bhala Dok. "E" (Vol. 3: *a fol.* 546 *et seq.*) *prime note* tal-Magistrat Dr. Carol Peralta tat-12 ta' Settembru 2001. Tghid li giet mitluba *prime note* ohrajn li wara ricerka estensiva ma setghu jinstabu mkien.

**Dr. Elizabeth Quintano** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2014 (Vol. 4: *a fol.* 807) fejn ezebiet: (a) bhala Dok. "EQ" (*Envelope Loose* Numru 2) kopja ta' traskrizzjonijiet ta' telefonati, (b) bhala Dok. "EQ 1" (*Envelope Loose* Numru 1) vera kopji ta' Cedoli ta' Depozitu, (c) bhala Dok. "EQ 2": *tapes*. Tghid li dawn kollha jinsabu ezebiti fil-kawza kontra Jason Manuel Briffa et li qed tinstema' quddiem il-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona.

**Dr. Elizabeth Quintano** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2014 (Vol. 5: *a fol.* 828) (u dana wara li d-depozizzjoni moghtija minnha fis-seduta tal-21 ta' Awwissu 2014 (Vol. 4: *a fol.* 818) ma gietx registrata) fejn meta gie murija Dok. "EQ" (Vol. 4: *a fol.* 824A) qalet li hija kienet giet mitluba tipprezenta vera kopja tal-*warrants* li kienu jinsabu ezebiti fil-kawza fl-ismijiet

**Il-Pulizija vs. Jason Manuel Briffa et** mismugha quddiem il-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2012, xehed **PC 213 Nikolai Borg** (Vol. 3: *a fol.* 586 *et seq.*) fejn spjega li fit-13 ta' Lulju 2001 kellu struzzjonijiet biex imur f'indirizz "Asanen", Triq it-Tunnara, iz-Zurrieq. Jghid li kien qed jaghmel osservazzjoni fejn mill-indirizz imsemmi ghall-habta tal-5.30pm hargu Sandro Psaila u Saviour Azzopardi u riekbu go vettura Tercel ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni LCF 215. Jghid li mentri Psaila beda jsuq, Azzopardi kien passigier. Jghid li hu segwihom u jispjega li marru lejn l-Imtahleb u li ma kompliex isegwihom meta t-triq tigi fi triq wahda pero' jghid li baqghu nezlin sa isfel nett. Jghid li rega' saq lura ghall-istess indirizz fejn kien qabel fiz-Zurrieq fejn ghall-habta tat-8.12pm hareg Raymond Bonello li riekeb go vettura Lada ta' kulur kannella bin-numru ta' registrazzjoni KAI 993 u minn hemmhekk segwiha. Jghid li Bonello saq ghal Marsaxlokk fejn iltaqa' ma' Jason Briffa li kellu vettura Fiat Punto bin-numru ta' registrzzjoni STF 100 fejn minn hemmhekk marru il-Carrubia Bar u baqghu hemm. Jghid li kien informa lill-ufficjali tieghu dwar dak li kien gara dakinhar. Jixhed ukoll li fis-16 ta' Lulju 2001 hu flimkien ma' membri ohra tal-Pulizija ghall-habta tal-10.30pm kienu hdejn Apple's Eye Cafeteria fejn hemmhekk waqqfu lil Angelo Zahra u lil Jason Briffa. Jghid li hu ghamel tfittxija fuq Angelo Zahra u kif ukoll fil-vettura Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni CBJ 536. Jghid li minn fuq Angelo Zahra u mill-vettura gew elevati xi dokumenti u li fil-kartiera tieghu kellu Lm10.00 falza. Jghid li ghadda kollox lill-ufficjali tieghu.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2012, xehed **PC 10 Trevor Cassar Mallia** (Vol. 3: *a fol.* 588 *et seq.*) fejn qal li fis-16 ta' Lulju 2001 fuq struzzjonijiet tal-iSpettur Neil Harrison marru Ghajn Tuffieha fejn gie mwaqqaf Jason Briffa. Jghid li fil-*parking* osservaw li kien hemm Seat Terra ta' kulur abjad u fuq is-*seat* tal-passiggier kien hemm basket tal-karti li kien fih madwar Lm31,000 fi flus. Jghid li gie arrestat Jason Briffa li ttiehed id-Depot. Jghid li ghamel tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn hu (PC 10) flimkien ma' PC 1183 u WPS 45 elevaw *bullets, pepper spray* u Lm10 suspettata li kienet falza.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2014, xehed **PS 579 Antoine Micallef** (Vol. 4: *a fol.* 735 *et seq.*) fejn qal li fis-16 ta' Lulju 2001 ghall-habta tal-10.30pm hu flimkien ma' membri ohra tad-*Drug Squad* marru Ghajn Tuffieha fejn mill-hanut bl-isem Apple's Eye gie mwaqqaf Angelo Zahra flimkien ma' Jason Briffa. Jghid li fuq il-post kien hemm vann Seat Terra fejn go fih kien hemm basket tal-karti li fih kien hemm madwar Lm30,000. Jghid li dawn gew elevati u mehuda d-Depot tal-Pulizija. Jghid li hu kien prezenti meta gew elevati l-flus.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2014, xehed ukoll **SM 536 Jason Caruana** (Vol. 4: *a fol.* 737 *et seq.*) fejn qal li fis-16 ta' Lulju 2001 ghall-habta tal-10.30pm gew arrestati Jason Briffa u Angelo Zahra minn gewwa l-Apple's Eye f'Ghajn Tuffieha. Jghid li hu kien involut fit-tfittxija gewwa l-vettura Seat Terra ta' kulur abjad ta' Jason Briffa fejn meta saret it-tfittxija instab basket li wara li gew maghduda d-Depot l-ammont kien ta' Lm31,640. Jghid li prezenti kien hemm ukoll PC 10.

In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk hux minnu li l-flus gew maghduda fil-prezenza ta' Jason Briffa ghaliex Jason Briffa kien spjega li kien tahomlu Angelo Zahra u li kienu self maghmul minn Angelo Zahra lil Jason Briffa in konnessjoni ma' xi konvenju, wiegeb li ma jiftakarx. Ikkonferma li l-flus gew maghduda fil-prezenza ta' Jason Briffa peress li hu kien accetta li l-flus kienu tieghu u peress li kellu c-cavetta tal-vann tant li hu fethilhom il-vann.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Awwissu 2014, xehed **Dr. Martin Bajada** (Vol. 4: *a fol.* 819 *et seq.*) fejn qal li gie mitlub jaghmel kopja digitali ta' numru ta' dokumenti li kienu gew ipprezentati. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MBX" (Vol. 4: *a fol.* 821 *et seq.*) li jghid hija kopja digitali ta' sitt *audio cassettes* li kienu gew ipprezentati fl-1 ta' Lulju 2014. Jghid li dawn l-*audio cassettes* kienu jirrigwardaw intercettazzjonijiet.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2014, xehed **Herbert Agius** (Vol. 5: *a fol.* 832 *et seq.*) fejn qal li ghamel zmien jokkupa l-kariga ta' *Acting Head* tas-Servizzi tas-Sigurta' u kkonferma li l-*warrants* li gie muri (Dok. "EQ" – Vol. 4: *a fol.* 824A) kienu harguhom awtentikati mill-

Ministru kontra Sandro Psaila, Publius Micallef, Saviour Azzopardi, u Jason Manuel Briffa. Ghad-domanda maghmula mill-Qorti kif diversament preseduta jekk dawn il-*warrants* kienux jawtorizzaw lis-Servizzi tas-Sigurta' tkompli bit-*tapping* jew timxi bit-*tapping*, wiegeb fl-affermattiv. Jiftakar li mbaghad iddahhal it-*tapping* tal-imputat Zahra. Ikkonferma li s-Servizzi tas-Sigurta' ghamel traskrizzjonijiet ta' dawn l-intercettazzjonijiet. Meta gie muri t-traskrizzjonijiet immarkati bhala Dok. "EQ 1" (*Envelope Loose* Numru 1) ikkonferma li dawn huma t-traskrizzjonijiet. Mistoqsi jghid jekk ghamilx xi verifici qabel dawn it-traskrizzjonijiet gew ipprezentati, wiegeb li hu ccekkjahom kollha u li sema' t-telefonati kollha biex jivverifika kontra t-traskrizzjonijiet tant li jghid li t-traskrizzjonijiet gew iffirmati minnu li huma originali.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2017, xehed **Sandro Psaila**[5] (Vol. 6: *a fol.* 1194 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien hemm proceduri kriminali fil-konfront tieghu li minnhom gie liberat u kkonferma wkoll li m'ghad hemm l-ebda proceduri kriminali pendenti kontra tieghu. Jghid li lill-imputat sar jafu biss kemm ilhom ghaddejjin il-proceduri l-Qorti peress li rah il-Qorti. Jghid li qabel ma bdew il-proceduri fil-Qorti, hu qatt ma kellu kuntatt mal-imputat u qatt ma kellmu.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li hu kien akkuzat li kien ser igib xi droga f'Malta u gie akkuzat li kien ser ibieghha lil xi hadd. Ikkonferma li f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda droga nvoluta. Ikkonferma li hu flimkien ma' Saviour Azzopardi kienu jiddiehku b'haddiehor. Jghid li anqas lil Jason Manuel Briffa ma kien jaf qabel tant li jghid li ma' Jason Manuel Briffa hu qatt ma tkellem qabel il-kaz. Jghid li bl-isem ta' Angelo Zahra qatt ma kien sema' u anqas qatt ma semghu. Ghad-domanda jekk xi hadd qallux li Angelo Zahra kien involut u kienx ha jhallas xi haga, wiegeb: *"Le, Le, xejn, qatt. Lanqas lil Jason Manuel Briffa ma kont naf jien"* (Vol. 6: *a fol.* 1196).

[5] Sandro Psaila gie mressaq ukoll bhala xhud biex jixhed fis-seduti tas-16 ta' Gunju 2009 (Vol. 2: *a fol.* 446), tas-26 ta' Novembru 2010 (Vol. 3: *a fol.* 538) u tas-16 ta' Dicembru 2013 (Vol. 3: *a fol.* 678 u 681 *et seq.*) fejn huwa ghazel li ma jixhidx peress li kien hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2018, xehed **Publius Micallef**[6] (Vol. 6: *a fol.* 1214 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien hemm proceduri kriminali fil-konfront tieghu li gew konkluzi u kkonferma wkoll li m'hemm l-ebda proceduri kriminali pendenti kontra tieghu. Mitlub jixhed fuq il-kaz li kien gie akkuzat bih u li jmur lura ghas-sena 2001, qal li huwa kien iltaqa' ma' Jason Briffa li kien qallu biex imur mieghu l-ufficju tal-imputat gewwa Paceville, li, sa dak iz-zmien, hu (Publius Micallef) ma kienx ghad jaf min hu. Jghid li Jason Briffa kien hallieh (lil Publius Micallef) jistenna sakemm ikellmu (Briffa lill-imputat). Jghid li hu (Publius Micallef) ma kienx jaf x'inghad bejn Jason Briffa u l-imputat u dana peress li hu (Publius Micallef) kien qed jistennieh fil-kuritur. Jispjega li lill-imputat ma kienx jaf min hu u li Jason Briffa kien qallu li kienu sejrin jiltaqghu ma' Ta' Sinna. Jghid li l-imputat ma kienx hemm meta mar flimkien ma' Briffa l-ufficju tieghu u jixhed: *"stennejnieh u mbaghad, qabel ma' dahal jigifieri, qalli: "Dan Anglu". Qalli: "stennini hemm ha nitkellem". Issa ma nafx"* (Vol. 6: *a fol.* 1215). Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi okkazzjoni ohra fejn hu ltaqa' ma' persuni ohra u prezenti kien hemm l-imputat, wiegeb li ma jiftakarx. Mistoqsi jghid x'kienet ir-raguni ghala dakinhar kien ma' Jason Briffa, wiegeb: *"Dakinhar iltaqjna l-Msida. Qalli: "Ejja mieghi". Qalli: "Ipparkja l-karozza. Ejja wahda mieghi". Daqshekk kienet. Ma kellhiex ghalfejn immur jien"* (Vol. 6: *a fol.* 1215).

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li hu ma nstabx hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Mitlub jikkonferma li huwa identifika u gharaf lill-imputat fl-awla waqt id-depozizzjoni moghtija minnu mid-diversi drabi li ltaqghu matul dawn l-ahhar sbatax-il sena li ilhom ghaddejjin il-proceduri, wiegeb: *"Ezattament"* (Vol. 6: *a fol.* 1216). Ghad-domanda: *"It-tielet u l-ahhar haga, f'dak kollu li seta' kien involut Jason Briffa, f'dak kollu li stajt kont involut inti, ghalkemm hemm dikjarazzjoni li inti ma kontx involut, nghid sew li Angelo Zahra, sa fejn taf int, ma kienx involut f'din il-kwistjoni, sa fejn taf int?"* (Vol. 6: *a fol.* 1216), wiegeb: *"Qed tghid sew ghax jiena ma kontx naf"* (Vol. 6: *fol.* 1216).

[6] Publius Micallef gie mressaq ukoll bhala xhud biex jixhed fis-seduti tas-16 ta' Gunju 2009 (Vol. 2: *a fol.* 442), tas-26 ta' Novembru 2010 (Vol. 3: *a fol.* 539) u tas-16 ta' Dicembru 2013 (Vol. 3: *a fol.* 678 u 679 *et seq.*) fejn huwa ghazel li ma jixhidx peress li kien hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2018, xehed **Raymond Bonello**[7] (Vol. 6: *a fol.* 1277 *et seq.*) fejn ikkonferma li l-proceduri kriminali li kien hemm pendenti kontra tiegħu gew konkluzi b'mod definittiv, minn liema proceduri gie liberat. Jghid li kien akkuzat b'*conspiracy* ta' droga. Jixhed li kien hemm persuni ohra nvestigati mieghu f'dan il-kaz u jghid li dawn kienu Sandro Psaila, Jason Manuel Briffa, Joseph Grech, Saviour Azzopardi u Publius Micallef. Jghid li lill-imputat ma jafux, qatt ma kellmu u qatt ma ltaqa' mieghu. Jghid li gie li rah fl-awla u mitlub fuq xiex, wiegeb: *"Fil-kaz li kellna meta ressquna sbatax il-sena ilu kienu ressquna bil-kaz"* (Vol. 6: *a fol.* 1279).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat hija vera u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak

[7] Raymond Bonello gie mressaq ukoll bhala xhud biex jixhed fis-seduti tas-26 ta' Novembru 2010 (Vol. 3: *a fol.* 538), tat-22 ta' Ottubru 2014 (Vol. 5: *a fol.* 831 u 839) u tas-27 ta' Jannar 2015 (Vol. 5: *a fol.* 899 u 901) fejn huwa ghazel li ma jixhidx peress li kien hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali.

il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li f'Gunju 2001 il-Pulizija bdiet taghmel investigazzjoni fil-konfront ta' Joseph Grech li kien indikat lill-Pulizija li kien qed jipprepara sabiex jimporta ammont ta' kokajina gewwa Malta. Minn investigazzjoni li kienet qed issir irrizulta li nvoluti f'din l-operazzjoni sabiex tiddahhal il-kokajina f'Malta kien hemm numru ta' persuni li kienu maqsuma f'zewg gruppi. Mentri grupp minnhom kien jikkonsisti minn Sandro Psaila, Saviour Azzopardi u Raymond Bonello, il-grupp l-iehor kien jikkonsisti minn Joseph Grech, Jason Manuel Briffa, Publius Micallef u l-imputat.

Illi jirrizulta mill-atti processwali li fis-16 ta' Lulju 2001 l-imputat gie arrestat fil-hin li kien ma' Jason Manuel Briffa f'Apple's Eye Restaurant li jinsab f'Ghajn Tuffieha. Dakinhar gie wkoll arrestat Raymond Bonello wara li l-vettura tieghu giet innutata pparkjata fl-inhawi u f'hin minnhom bdiet tigi misjuqa b'certu *speed* il-barra minn Ghajn Tuffieha sejra fid-direzzjoni tal-Mgarr f'liema hin din giet imwaqqfa.

Illi jirrizulta wkoll li Sandro Psaila u Saviour Azzopardi xehdu li vvintaw storja lil Raymond Bonllo fejn taparsi kienu ser igibu d-droga mill-Italja u riedu jinghataw il-flus minn quddiem u li Raymond Bonello kien qalilhom li kien jaf lil xi hadd. Skond l-Ufficjal Prosekutur Ciappara minn dak li kien qed jigi investigat beda jidher li seta' jirrizulta li l-hajja ta' Raymond Bonello setghet kienet fil-periklu. L-Ufficjali tal-Pulizija li gew mressqa bhala xhieda f'dawn il-proceduri xehdu wkoll dwar dak li gie misjub u elevat minn tfittxijiet li saru, fosthom fil-vann ta' Jason Briffa u fir-residenza tal-imputat. Jirrizulta wkoll li kien hemm xi intercettazzjonijiet ta' numru ta' telefonati, it-traskrizzjonijiet ta' liema intercettazzjonijiet gew ezebiti fl-atti.

Illi eventwalment gew intavolati proceduri kriminali fil-konfront tal-persuni kollha hawn fuq imsemmija, inkluz kontra l-imputat. Il-kawza odjerna tirrigwarda biss lill-imputat fejn qed jigi akkuzat b'assocjazzjoni.

Illi filwaqt li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li kienet qed tistrieh fuq il-provi prodotti u b'hekk iddikjarat li ma kellha l-ebda sottomissjonijiet finali x'taghmel (Vol. 7: *a fol.* 1431), fis-sottomissjonijiet finali taghha (Vol. 7: *a fol.* 1432 *et seq.*) id-difiza tissottometti ghala l-imputat m'ghandux jigi misjub hati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjoni *per se* addebitata fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li f'dan l-istadju jsiru konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "A" – Vol. 1: *a fol.* 191 *et seq.*) u fir-rigward ta' dak li nghad mid-difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (Vol. 7: *a fol.* 1432 *et seq.*) fir-rigward tax-xhieda guramentata moghtija minn Jason Briffa (Vol. 1: *a fol.* 45 *et seq.*) u Joseph Grech (Vol. 1: *a fol.* 105 *et seq.*) fejn inghad li dawn ma ghandhom ikollhom ebda valur probatorju fil-konfront tal-imputat minhabba li ma setghax isir il-kontro-ezami taz-zewg persuni msemmija.

**<u>Stqarrija Tal-Imputat (Dok. "A" – Vol. 1: *a fol.* 191 et seq.)</u>:**
Illi jirrizulta li l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu f'Lulju 2001 u ghalhekk fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-Pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg vs. Malta**, gie ritenut hekk:

> *"The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; **Navone and Others v. Monaco**, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; **Brusco v. France**, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and **Stojkovic v. France and Belgium**, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, **Dayanan v. Turkey**, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; **Yeşilkaya v. Turkey**, no. 59780/00, 8 December 2009; and **Fazli Kaya v. Turkey**, no. 24820/05, 17 September 2013).*
>
> *[…]*
>
> *It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)".*

Illi f'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea kkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita' tal-istqarrija rilaxxata minnu fis-sena 2002, *stante* illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rriferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs. Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

> "allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-Artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma jkunx hemm disposizzjoni *ad hoc* li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li jsehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma jkun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Navone vs. Monaco**, instab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kinitx tippermettieha. (Ara wkoll **Yesilkaya vs. Turkey** – 59780/00 08/12/2009, **Fazli Kaya vs. Turkey** – 24820/05 17/09/2015).
>
> Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm

vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6(3)[8] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu l-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u d-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti mplikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed."

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet ukoll:

"Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra l-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie ndikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Dimech vs. Malta**[9] fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setghetx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma ntemmux, madanakollu sahqet:

*"it cannot be entirely excluded that the Courts of Criminal Jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the Courts of Criminal Jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."*

[8] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet **Dayanan vs. Turkey**, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.
[9] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Isegwi li, fil-kaz odjern, la darba l-istqarrija tal-imputat ttiehdet minghajr id-dritt ghall-parir legali in forza ta' restrizzjoni sistematika ta' dan id-dritt u la darba tali prova ttiehdet minghajr il-garanziji moghtija mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq ta' persuna akkuzata, din l-istqarrija ma tistax tigi meqjusa bhala prova ammissibbli u kwindi l-Qorti ser tiskartaha. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li jkun ghamel l-imputat minghajr ma jkun gie moghti dan id-dritt, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkun ghamel lill-Ufficjal/i Investigatur/i, fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragunament japplika ghal tali stqarrija wkoll. Fil-kaz odjern, ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta bhala inammissibli l-istqarrija rilaxxata mill-imputat kif ukoll ix-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-imputat waqt l-investigazzjoni.

<u>**Stqarrija Guramentata ta' Jason Briffa u Joseph Grech**</u>:
Illi l-Qorti tinnota li l-atti processwali jikkontjenu, fost l-ohrajn, vera kopja fotostatika tal-istqarrijiet guramentati ta' Jason Briffa (Vol. 1: *a fol.* 45 *et seq.*) u Joseph Grech (Vol. 1: *a fol.* 105 *et seq.*), liema stqarrijiet gew guramentati quddiem il-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima.

Illi jirrizulta li minkejja li saru tentattivi sabiex Jason Briffa u Joseph Grech jitressqu bhala xhieda f'dawn il-proceduri, jirrizulta li huma qatt ma xehdu f'dawn il-proceduri.[10] Id-difiza tishaq li dawn iz-

[10] Jason Manuel Briffa gie mressaq bhala xhud biex jixhed fis-seduti tas-16 ta' Gunju 2009 (Vol. 2: *a fol.* 444), tat-22 ta' Jannar 2014 (Vol. 4: *a fol.* 685 u 700), tat-22 ta' Ottubru 2014 (Vol. 5: *a fol.* 831 u 837) u tas-17 ta' Jannar 2019 (Vol. 7: *a fol.* 1314) fejn huwa ghazel li ma jixhidx peress li kien hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali. Joseph Grech gie mressaq bhala xhud biex jixhed fis-seduti tat-23

zewg stqarrijiet ma ghandu jkollhom l-ebda valur probatorju fil-konfront tal-imputat (Vol. 7: *a fol.* 1433).

Illi jirrizulta li d-difiza giet prekluza milli taghmel domandi lil Jason Briffa u Joseph Grech. Minkejja li, kif inghad aktar il-fuq, kemm Briffa u kif ukoll Grech gew imressqa bhala xhieda biex jixhdu u huma ghazlu li ma jixhdux sabiex ma jinkriminawx ruhhom, filwaqt li jirrizulta li Joseph Grech miet fit-12 ta' Dicembru 2012 u dana jirrizulta minn estratt tac-certifikat tal-mewt tieghu (Dok. "AC 1" – Vol. 4: *a fol.* 731), jirrizulta wkoll li wara li l-Avukat Generali baqa' jinsisti fl-ahhar Noti ta' Rinviji tieghu ghad-depozizzjoni ta' Jason Briffa, l-Avukat General hareg il-Kontro-Ordni tieghu sabiex l-imputat jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Vol. 7: *a fol.* 1346) wara li l-imputat talab riferenza kostituzzjonali ghar-ragunijiet imsemmija fit-talba, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti (Vol. 7: *a fol.* 1327 *et seq.*) u in segwitu ta' din it-talba giet moghtija s-sentenza mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) (Vol. 7: *a fol.* 1334 *et seq.*), minn liema sentenza ma' kien hemm l-ebda appell intavolat.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew John Migneco** deciza fit-8 ta' April 2010. Il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija fis-26 ta' Mejju 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Pierre Gravina** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Issa, huwa principju generali li "…ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-

ta' Lulju 2007 (Vol. 2: *a fol.* 249 *et seq.*), tas-16 ta' Gunju 2009 (Vol. 2: *a fol.* 448) u tas-26 ta' Novembru 2010 (Vol. 3: *a fol.* 538) fejn huwa ghazel li ma jixhidx peress li kien hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali.

Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara **Il-Pulizija v. Angelo Grima** App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-Att ta' Akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xiehda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun prezenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rapprezentant tieghu ghal waqt tali smiegh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[11] ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-Prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-Qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontro-ezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-Gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzjoni li l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-Qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-Qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu

[11] "661: *"Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra"*."

***"does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in Court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings"***[12].

Fil-kaz in dizamina Mentosa la gie prodott mill-Prosekuzzjoni fil-Qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-depozizzjoni tieghu permezz tal-procedura tar-rogatorji. L-ewwel Qorti, ghalhekk, kellha tiskarta l-istqarrija guramentata tieghu u mhux, kif effettivament ghamlet, tistrieh in parti fuqha. Sfortunatament il-ligi ma tipprovdix ghal dak li jista' jsir f'kaz bhal dak in ezami meta l-persuna li tkun ghamlet l-istqarrija guramentata skond l-Artikolu 30A tmut, jew ma tkunx tista' tinstab, jew ma jkunx ragonevolment prattikabbli li tinstema' permezz ta' rogatorji[13]. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi akkolt".

---

[12] "(1990) 12 E.H.R.R. 434, para. 41."

[13] "Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta' stqarrijiet maghmula minn persuni li in segwitu qatt ma jingiebu bhala xhieda fil-process. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smigh xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet kienux l-unika prova kontra l-akkuzat, jew kienux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab hati. Ara f'dan is-sens Ben Emmerson u Andrew Ashworth ***Human Rights and Criminal Justice*** Sweet & Maxwell (London) 2001: *"What appears from these and other decisions is a complex mixture of at least three major factors. First, the Court's chief concern is the fairness of the trial as a whole: the defendant's right to "confront" or cross-examine every Prosecution witness is important, but not absolute. Or, to express the point differently, reliance on pre-trial witness statements is not contrary to the Convention, so long as the rights of the defence are respected. Secondly, the Court's judgment on overall fairness is much affected by the significance of the written or reported statements for the Prosecution case: it is fairly clear that a trial would be unfair if the conviction rested "solely or mainly" on the disputed statement, but in some decisions the test is expressed in terms more favourable to the defence. Thus in Ludi v. Switzerland the Court thought it sufficient to render the trial unfair that the written evidence had "played a part" in the conviction. However this may be explained by the third factor: that the Court has regard to the practical possibility of according greater recognition to defence rights than was done at the trial. In other words, there are some cases where the impracticability of producing the witness at the trial might lead the Court to adopt a more flexible approach to Article 6(3)(d) (as, for example, in Artner v. Austria, where the witness had gone missing and was untraceable; or in Asch v. Austria, where the witness exercised her right not to testify). But the*

Illi, mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq, u tenut kont tal-fatt li Jason Briffa u Joseph Grech qatt ma xehdu f'dawn il-proceduri, il-Qorti m'hijiex ser tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrijiet guramentati taghhom (Vol. 1: *a fol.* 45 *et seq.* u Vol. 1: *a fol.* 105 *et seq.*) u b'hekk tiddikjara tali stqarrijiet bhala inammissibbli.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjoni ta' assocjazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Assocjazzjoni)</u>:**
Illi, fir-rigward ta' dak li jammonta ghal *conspiracy*, fid-decizjoni moghtija fis-6 ta' Marzu 2003 fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Caddick et**, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> *"This Court believes that the position at law was in fact misstated by the First Court, as although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy.*
>
> *Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (Section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement*

*national court should always look for alternative safeguards. As the Court put it in Van Mechelen v. Netherlands, "any measures restricting the rights of the defence should be strictly necessary. If a less restrictive measure can suffice then that measure should be applied".* (para. 15-114, 15-115, pagna 465)."

*of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement".*

Illi fid-decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Jannar 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb**, il-Qorti qalet hekk:

> "Issa skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kap. 101 dejjem gew ritenuti li huma erbgha u senjatament: 1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat ; 2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f'Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta, 3. sabiex tigi traffikata d-droga; u 4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata. It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi moviment ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b'mod gratuwitu. U ma hemmx ghalfejn elementi ohra bhal per ezempju prova li d-droga tkun effettivament ghaddiet minn id ghal id jew li giet importata, ghax anki semplici offerta hija bizzejjed".

Illi minkejja li qabel il-Pulizija arrestaw lil Jason Briffa u lill-imputat huma gew osservati li kienu flimkien fuq mejda fir-*restaurant* Apple's Eye f'Ghajn Tuffieha u minkejja dak li gie elevat mill-vann ta' Briffa u minn fuq il-persuna tal-imputat u mir-residenza tieghu, mill-atti processwali jirrizulta, fost l-ohrajn, is-segwenti:

- Dik li suppost kellha tkun importazzjoni ta' droga ma kienet importazzjoni xejn. Sandro Psaila u Saviour Azzopardi xehdu

li vvintaw storja lil Raymond Bonello fejn taparsi kienu ser igibu d-droga mill-Italja u riedu jinghataw il-flus minn quddiem.

- Meta Saviour Azzopardi gie mistoqsi jghid jekk jafx lill-imputat, wiegeb fin-negattiv u jghid li sar jafu wara li gie akkuzat u mressaq il-Qorti. In kontro-ezami jghid li hu kien jaf biss lil Sandro Psaila u lil Raymond Bonello u li wara li tressaq il-Qorti sar jaf b'ismijiet ohra, inkluz bl-imputat. Mitlub jghid jekk qabel ma gew imressqa l-Qorti kienx iltaqa' xi darba mal-imputat, wiegeb: *"Le. Lanqas idea tieghu ma kelli"* (Vol. 6: *a fol.* 1219).

- Sandro Psaila jghid li lill-imputat sar jafu biss kemm ilhom ghaddejjin il-proceduri l-Qorti peress li rah il-Qorti. Jghid li qabel ma bdew il-proceduri fil-Qorti, hu qatt ma kellu kuntatt mal-imputat u qatt ma kellmu. In kontro-ezami jghid li bl-isem ta' Angelo Zahra qatt ma kien sema' u anqas qatt ma semghu. Ghad-domanda jekk xi hadd qallux li Angelo Zahra kien involut u kienx ha jhallas xi haga, wiegeb: *"Le, Le, xejn, qatt. Lanqas lil Jason Manuel Briffa ma kont naf jien"* (Vol. 6: *a fol.* 1196).

- Publius Micallef spjega li huwa sar jaf min hu l-imputat meta huwa (Micallef) ltaqa' ma' Jason Briffa u Briffa qallu biex imur mieghu l-ufficju tal-imputat pero' jispecifika li meta Briffa tkellem mal-imputat, hu (Micallef) ma kienx maghhom u li Briffa ntroducieh mal-imputat fil-hin li wasal l-imputat l-ufficcju. Meta gie mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi okkazzjoni ohra fejn hu ltaqa' ma' persuni ohra u prezenti kien hemm l-imputat, wiegeb li ma jiftakarx. In kontro-ezami kkonferma li huwa identifika u gharaf lill-imputat fl-awla mid-diversi drabi li ltaqghu fiz-zmien li kienu ghaddejjin il-proceduri fil-Qorti. Ghad-domanda: *"It-tielet u l-ahhar haga, f'dak kollu li seta' kien involut Jason Briffa, f'dak kollu li stajt kont involut inti, ghalkemm hemm dikjarazzjoni li inti ma kontx involut, nghid sew li Angelo Zahra, sa fejn taf int, ma kienx involut f'din il-kwistjoni, sa fejn taf int?"* (Vol. 6: *a fol.* 1216), wiegeb: *"Qed tghid sew ghax jiena ma kontx naf"* (Vol. 6: *fol.* 1216).

- Raymond Bonello wiegeb lill-imputat ma jafux, qatt ma kellmu u qatt ma ltaqa' mieghu. Jghid li gie li rah fl-awla u mitlub jghid rigward xiex, wiegeb: *"Fil-kaz li kellna meta ressquna sbatax il-sena ilu kienu ressquna bil-kaz"* (Vol. 6: *a fol.* 1279).

Illi fir-rigward tat-traskrizzjonijiet tal-intercettazzjonijiet telefonici li saru mis-Servizzi Sigrieti koncernanti l-importazzjoni tad-droga kokajina u liema traskrizzjonijiet jiffurmaw parti mill-atti processwali odjerni, il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni jekk dawn l-intercettazzjonijiet humiex validi u dana in kwantu ghall-modalitajiet ta' kif ittiehdu u gew traskritti u dana *stante* li tonqos il-prova ta' lil min kienu jappartjenu n-numri tat-telefon tal-persuni kollha nvoluti b'mod generali u anqas meta saru t-telefonati in kwistjoni. Apparti minn dan, il-persuni li effettwaw dawn it-traskrizzjonijiet qatt ma gew identifikati ghalkemm Herbert Agius (li fiz-zmien mertu tal-kaz kien il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta') qal li vverifika personalment it-traskrizzjonijiet mat-telefonati li gew irrekordjati. Ghaldaqstant, il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiehu konjizzjoni ta' dak li jirrizulta minn tali intercettazzjonijiet li ma jistghu qatt jikkostitwixxu prova *stante* li huma bbazati fuq suppozizzjonijiet u kongetturi.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-28 ta' Frar 2018 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Micallef u Raymond Bonello** (li huma tnejn mill-persuni msemmija fil-proceduri odjerni), fejn inghad is-segwenti:

> "Illi allura ghalkemm huwa minnu, kif jishaq l-Avukat Generali, illi sabiex jissussisti r-reat mahsub fl-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-appellati hemm il-htiega biss li jigi ppruvat il-pjan mahsub bejn tnejn minn nies jew iktar sabiex tinbiegh jew tigi ttraffikata id-droga, minghajr il-prova tangibbli tad-droga jew tal-persuni li kellhom jissupplixxu din id-droga, madanakollu prova li kienet ghaddejja din il-kongura trid tissussisti mill-atti. Kif inghad skartata il-prova ta' l-istqarrijiet tal-appellati, skartata l-prova maghmula bl-istqarrijiet guramentata taz-

> zewg xhieda Jason Briffa u Joseph Grech u skartati l-intercettazzjonijiet telefonici, li *del resto* imkien ma jsemmu il-kelma 'droga' jew x'tip ta' droga kienet ser tigi ttraffikata u f'liema kwantita, ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba, ma jifdal l-ebda prova fl-atti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li tipponta subajghha fid-direzzjoni ta' xi assocjazzjoni bejn il-persuni ta' l-appellati ghal fini li tigi ttraffikata d-droga. Dan ghaliex ix-xhieda tal-ufficjali nvestigattivi kollha li kienu nvoluti fil-kaz hija msejsa fil-maggior parti taghha fuq l-intercettazzjonijiet telefonici u l-istqarrijiet lilhom maghmula mill-imputati minghajr id-debita assistenza legali, li kif inghad bl-izviluppi li sehhew fil-ligi penali taghna ma jistghux iktar jitqiesu bhala prova valida u li fuqhom Qorti tista' isejjes xi htija. Investigazzjonijiet ohra ma sarux, il-*mobile phones* elevati qatt ma gew ezaminati u allura bil-fatt illi fil-jum ndikata fl-akkuza l-Pulizija waqqfu lil Briffa, lil Angelo Zahra u lill-appellati u arrestaw lill-persuni l-ohra allegatament involuti, ma hijiex prova wahedha ta' dan l-allegat ftehim jew pjan mahsub li kien ghaddej bejn dawn in-nies."

Illi dak li nghad hawn fuq japplika *mutatis mutandi* ghall-kawza odjerna fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha mressqa f'dawn il-proceduri u, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jidhrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-element intenzjonali fir-reat ta' assocjazzjoni li bih gie akkuzat Angelo Zahra permezz tal-proceduri odjerni. Bl-ebda mod ma rrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Angelo Zahra kien nvolut f'xi assocjazzjoni bhal ma qed jigi akkuzat bih.

Illi bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp kriminali l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Angelo Zahra. Illi l-provi li hemm

fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Illi dak li jirrizulta fl-atti processwali jista' jindika biss diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda. Minn dak li jirrizulta fl-atti processwali, il-Qorti tista' biss tispekula madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat Angelo Zahra ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Angelo Zahra hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

Finalment, il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' frizar u sekwestru, liema talbiet saru fic-*charge sheet*, u dana *stante* li l-imputat Angelo Zahra gie liberat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**